IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2022
COM(2022) 243 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sitt Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

Werrej

1. Introduzzjoni 1
1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati 1
1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità 2
2. Il-funzjonament tal-Faċilità 6
3. Il-kapaċità finanzjarja, it-tul ta' żmien u n-natura tal-finanzjament 7
4. Implimentazzjoni tal-Faċilità 9
5. Monitoraġġ u evalwazzjoni 15
6. L-Awditu 16
7. Komunikazzjoni u viżibbiltà 16
8. Il-konklużjoni u l-passi li jmiss 18

1. Introduzzjoni

F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015[1] dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ("id-Deċiżjoni"), il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (minn hawn 'il quddiem "il-Faċilità"). L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-ewwel Rapport Annwali dwar il-Faċilità ġie ppubblikat f'Marzu 2017[2]. Ir-Rapporti Annwali kollha jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Faċilità għar-Refuġjati[3]. Id-data tal-għeluq għal dan ir-rapport hija Frar 2022.

1.1.It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, it-Turkija hija pajjiż prominenti għall-akkoljenza u għat-tranżitu ta' refuġjati u ta' migranti. Il-pajjiż ilu jospita aktar minn erba' miljun refuġjat, l-ogħla numru fid-dinja. Dan jinkludi iżjed minn 3,7 miljun refuġjat Sirjan irreġistrati[4], u 330 000 refuġjat u applikant għall-ażil irreġistrati primarjament mill-Afganistan, mill-Iraq, mill-Iran u mis-Somalja[5][6]. Dan l-għadd kbir ħafna ta' nies kellu impatt sinifikanti fuq il-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24.11.2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni - il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija, kif ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855 tal-10.2.2016.

[2] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/170302_facility_for_refugees_in_turkey_first_annual_report.pdf

[3] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/enlargement-policy/negotiations-status/turkey/eu-facility-refugees-turkey_en

[4] https://en.goc.gov.tr/temporary-protection27

[5] https://en.goc.gov.tr/irregular-migration

[6] Partikolarità tas-sistema tal-ażil tat-Turkija hija marbuta mal-fatt li l-pajjiż iffirma l-Protokoll ta' New York tal-1967 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 b'riżerva. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tar-refuġjati fit-Turkija ma jistgħux japplikaw għal status sħiħ ta' refuġjat iżda biss għal status ta' "Refuġjat Kondizzjonali", li jekk jingħata, jillimita l-permanenza fil-pajjiż sal-mument li refuġjat rikonoxxut jiġi "risistemat f'pajjiż terz".

komunitajiet ospitanti. L-ispostament fit-tul tar-refuġjati Sirjani u n-numru dejjem jikber ta' wasliet irregolari mill-Afganistan fit-Turkija, wara l-kriżi fis-Sajf tal-2021, qed jippreżenta sfidi dejjem akbar fejn tidħol il-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati, il-migranti u l-komunitajiet ospitanti, speċjalment f'kuntest ikkaratterizzat mir-reċessjoni ekonomika u mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol.

It-Turkija qed tkompli tagħmel sforzi sinifikanti ħafna biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' aktar minn erba' miljun refuġjat u migrant u tenniet l-impenn tagħha għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016[7]. Għall-kuntrarju tal-aspettattivi, it-Turkija ma ffaċċjatx influss massiv ta' migranti u refuġjati bħala konsegwenza tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Afganistan. Madankollu, il-pressjoni tkompli tul il-fruntiera bejn it-Turkija u l-Iran. Id-Dikjarazzjoni baqgħet tikseb riżultati konkreti fl-2021 fit-tnaqqis tal-vjaġġi irregolari u perikolużi u biex jiġu salvati ħajjiet fil-Baħar Eġew. Madankollu, fl-2021, il-wasliet ta' migranti irregolari żdiedu fuq il-biċċa l-kbira tar-rotot meta mqabbla mal-2020; bi 11 865 jew bi 92 % f'Ċipru, bi 12 916 jew aktar minn 200 % fl-Italja, u b'936 jew aktar minn 300 % fil-Bulgarija. Madankollu, il-wasliet fil-Greċja naqsu għal 7 443, tnaqqis ta' 47 %. Iż-żidiet fl-2021 jistgħu jkunu parzjalment dovuti għat-tneħħija tal-miżuri meħuda mill-pajjiżi fir-reġjun fl-2020 biex titrażżan il-pandemija. Barra minn hekk, għalkemm ir-risistemazzjoni tar-refuġjati lejn l-Istati Membri tal-UE reġgħet bdiet wara waqfa qasira minħabba l-pandemija tal-COVID-19, it-Turkija żammet is-sospensjoni tar-ritorni mill-gżejjer Griegi imposta f'Marzu 2020.

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju 2021 fakkar fl-interess strateġiku tal-Unjoni Ewropea f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija[8]. Il-mexxejja tal-UE offrew li jrawmu dinamika aktar pożittiva fir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Għal dan il-għan, huma esprimew ir-rieda li jimpenjaw ruħhom mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, inkluża l-migrazzjoni. F'Ottubru 2021 sar Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà f'Ankara.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021 appella lill-Kummissjoni biex tressaq mingħajr dewmien proposti formali għall-kontinwazzjoni tal-finanzjament għar-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu u partijiet oħra tar-reġjun, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2021 u fil-kuntest tal-politika ġenerali tal-UE dwar il-migrazzjoni. Il-Kummissjoni mmobilizzat EUR 3 biljun mill-baġit tal-UE għall-2021-2023. Hija mmobilizzat EUR 860 miljun fi tmiem l-2021 biex tipprovdi appoġġ fl-oqsma tal-ħtiġijiet bażiċi, l-edukazzjoni u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. Bħal fil-każ tat-tieni segment tal-Faċilità, l-ipprogrammar tal-pakkett ta' EUR 3 biljun għall-2021-2013 jenħtieġ li jkompli jirrifletti l-bidla minn appoġġ umanitarju għal assistenza għall-iżvilupp.

1.2.Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità

Fl-2015, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li jżidu l-involviment politiku u finanzjarju tagħhom biex jappoġġaw lit-Turkija fl-isforzi tagħha biex tospita lir-refuġjati. Bi tweġiba għas-sejħa mill-Istati Membri tal-UE għal finanzjament addizzjonali sinifikanti

[7] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/
[8] https://www.consilium.europa.eu/media/50763/2425-06-21-euco-conclusions-en.pdf

sabiex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbiliet il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015, emendata fl-10 ta' Frar 2016[9], u mill-ġdid fl-14 ta' Marzu u fl-24 ta' Lulju 2018. Il-Faċilità hija mekkaniżmu li jikkoordina l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi magħmula disponibbli kemm taħt il-baġit tal-UE kif ukoll taħt kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri integrati fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern. L-Istati Membri huma politikament impenjati li jipprovdu kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-qafas tal-Fehim Komuni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, li ġie adottat mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri fit-3 ta' Frar 2016, u aġġornat fl-okkażjoni tal-ftehim dwar it-tieni segment tal-Faċilità[10]. Il-Fehim Komuni stabbilixxa wkoll qafas ta' kundizzjonalità. Għall-ewwel segment tal-Faċilità (2016-2017) b'kollox ġew allokati EUR 3 biljun. L-ammont ta' EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni flimkien mat-EUR 345 miljun[11] li diġà kienu ġew allokati mill-Kummissjoni lit-Turkija b'rispons għall-kriżi tar-refuġjati Sirjani qabel it-tnedija tal-Faċilità u kien addizzjonali għall-għajnuna bilaterali tal-Istati Membri. Ammont addizzjonali ta' EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni għat-tieni segment tal-Faċilità (2018-2019) u tella' t-total tal-Faċilità għal EUR 6 biljun. Il-Faċilità saret operazzjonali fis-17 ta' Frar 2016 bl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità. Wara din il-laqgħa, il-Kummissjoni ħadmet b'pass mgħaġġel biex tikkuntratta l-ewwel proġetti fl-ambitu tal-Faċilità. Mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkuntrattat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità; Minn total ta' EUR 6 biljun, sal-lum ġew żborżati iżjed minn EUR 4,6 biljun.

Fit-18 ta' Marzu 2016, il-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern tal-Unjoni Ewropea u tat-Turkija reġgħu kkonfermaw l-impenn tagħhom lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tagħhom u qablu fuq aktar miżuri mmirati lejn l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-Unjoni Ewropea u l-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni. It-Turkija u l-Unjoni Ewropea għarfu li kien hemm bżonn li jsiru aktar sforzi veloċi u determinati. B'mod aktar speċifiku, id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016[12] (minn hawn 'il quddiem "id-Dikjarazzjoni"), talbet fost l-oħrajn sabiex tintemm il-migrazzjoni irregolari mit-Turkija lejn l-UE billi jitkisser il-mudell tan-negozju tat-traffikanti u billi l-migranti jiġu offruti alternattiva minflok jipperikolaw ħajjithom u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Faċilità. In-numru totali ta' wasliet mit-Turkija lejn il-Greċja, l-Italja u l-Bulgarija fl-2021 kien ta' 21 295 meta mqabbel ma' 18 402 fl-2020 (żieda ta' 16 %). Ġew irreġistrati 7 443 wasla fil-Greċja meta mqabbla mat-13 979 fl-2020 (tnaqqis ta' 47 %); 12 916 għall-Italja meta mqabbla ma' 4 191 fl-2020 (żieda ta' aktar minn 200 %) u 936 għall-Bulgarija meta mqabbla ma' 232 fl-2020 (żieda ta' aktar minn 300 %). Ir-rotta migratorja mit-Turkija lejn Ċipru baqgħet attiva ħafna. Fl-2021, in-numru totali ta' wasliet irregolari fiż-żoni kkontrollati mill-gvern ta' Ċipru kien ta' 11 685 (10 918 wara li qasmu l-Linja l-Ħadra miż-żoni kkontrollati mill-gvern) li hija żieda ta' 92 % meta mqabbla mal-2020.

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 60/03 tal-10.02.2016 dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015.
[10] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11329-2018-INIT/en/pdf
[11] Finanzjament mobilizzat fis-snin 2013-2015 taħt l-istrumenti differenti ta' finanzjament estern, jiġifieri l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), inkluż għadd ta' azzjonijiet implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF).
[12] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18/eu-turkey-statement/

It-Turkija kompliet tiffaċċja pressjoni migratorja konsiderevoli, li, wara tnaqqis fl-2020 bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, reġgħet żdiedet fl-2021. Minn Marzu 2021, iċ-ċifra ta' qbid ta' kull xahar fit-Turkija kienet ogħla meta mqabbla mal-perjodi ta' rapportar rispettivi fl-2020. L-implimentazzjoni tal-iskema ta' risistemazzjoni "Wieħed għal kull Wieħed" fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni kompliet. Bejn April 2016 u Frar 2022, 32 562 refuġjat Sirjan ġew risistemati mit-Turkija lejn l-UE. Mill-2016, skont id-Dikjarazzjoni, 2 140 migrant ġew irritornati mill-gżejjer Griegi lejn it-Turkija. Peress li l-awtoritajiet Torok ma rrevokawx id-deċiżjoni tagħhom ta' Marzu 2020 li jissospendu l-operazzjonijiet ta' ritorn skont id-Dikjarazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ma saret l-ebda operazzjoni ta' ritorn fl-2021. Għalkemm ir-risistemazzjonijiet mit-Turkija reġgħu bdew minn Lulju 2020, ir-ritorni mill-Greċja għadhom sospiżi. Bi tweġiba għal talbiet ripetuti mill-awtoritajiet Griegi u mill-Kummissjoni Ewropea rigward it-tkomplija tal-operazzjonijiet ta' ritorn, it-Turkija ddikjarat li ma kienet se sseħħ l-ebda operazzjoni ta' ritorn sakemm il-pushbacks allegati tul il-fruntiera bejn it-Turkija ma jieqfux u l-Greċja ma tirrevokax id-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra lit-Turkija bħala Pajjiż Terz Sikur[13].

L-Iskema Volontarja ta' Ammissjonijiet Umanitarji li hija mistennija li tiġi attivata ladarba l-qsim irregolari bejn it-Turkija u l-UE jintemm jew tal-anqas ikun tnaqqas b'mod sostanzjali u sostenibbli, għadha ma ġietx attivata mill-Istati Membri.

[13] Skont Deċiżjoni Ministerjali Griega ġdida, it-Turkija se titqies bħala Pajjiż Terz Sikur għall-applikanti għall-ażil mill-Pakistan, il-Bangladexx, is-Sirja, l-Afganistan u s-Somalja. L-applikazzjonijiet min-nazzjonalitajiet ta' hawn fuq jistgħu għalhekk jitqiesu inammissibbli fuq din il-bażi, u l-applikanti se jintbagħtu lura lejn it-Turkija, fejn jitqiesu sikuri u jkollhom il-possibbiltà li jitolbu status ta' rifuġjat.

COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 għad għandha impatt sinifikanti fit-Turkija. Fit-tifqigħa tal-kriżi fit-Turkija f'Marzu 2020, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet Torok biex tinvestiga jekk kienx meħtieġ xi appoġġ speċifiku tal-UE għar-rispons tagħhom. Huma kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu bil-proġetti taħt il-Faċilità u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) regolari bilaterali, kif ipprogrammat oriġinarjament. F'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Torok, il-Kummissjoni qablet mal-mobilizzazzjoni tal-iffrankar tal-Faċilità għall-finijiet relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' żidiet fil-proġetti eżistenti minflok proġetti ġodda. Il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lis-sħab ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-valutazzjoni tagħhom tal-effetti tal-COVID-19 għall-proġetti tal-Faċilità. Wara din il-konsultazzjoni, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-proġetti taħt il-Miżura Speċjali ta' EUR 1,6 biljun tal-2016 ġie estiż għal Ġunju 2025, li għandu jippermetti lill-proġetti kollha kkonċernati jilħqu l-objettivi ddikjarati tagħhom.

Sa tmiem l-2021, madwar EUR 83 miljun kienu ġew ridiretti lejn interventi tal-kura tas-saħħa u miżuri ta' appoġġ soċjoekonomiku biex jittaffa l-impatt tal-COVID-19 taħt il-Faċilità għar-Refuġjati (minn total ta' EUR 133 miljun ta' interventi ridiretti mill-UE taħt l-istrumenti finanzjarji tal-UE kollha). L-azzjonijiet kienu jinkludu l-attivazzjoni ta' riżerva ta' kontinġenza ta' EUR 4,7 miljun tal-proġett SIHHAT I biex iċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Migranti jiġu mgħammra b'tagħmir u b'diżinfettanti protettivi. Barra minn hekk, taħt il-komponent umanitarju tal-Faċilità, aktar minn EUR 63 miljun ġew riallokati biex jipprovdu rispons umanitarju wara l-COVID-19 f'firxa ta' proġetti. B'mod partikolari, kemm ix-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN) kif ukoll it-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE) ipprovdew appoġġ fi flus supplimentari għall-benefiċjarji tagħhom. Skont l-ESSN, ġew ipprovduti żewġ żidiet ta' 500 Lira Torka (TL) kull wieħed fix-xahar ta' Ġunju u Lulju 2020 għal aktar minn 1,75 miljun refuġjat individwali (308 000 unità domestika), għal total ta' aktar minn EUR 40 miljun. Fl-ambitu tal-proġett tas-CCTE, ġiet ipprovduta żieda ta' 85 TL lill-benefiċjarji eliġibbli kollha tas-CCTE irrispettivament mill-età u mill-grad bħala ħlas ta' darba fit-30 ta' Novembru 2020. B'kollox, 518,794 tifel u tifla bbenefikaw minn din iż-żieda addizzjonali. Barra minn hekk, assistenza fi flus kontanti lil madwar 88,779 unità domestika (414,459 individwu) unitajiet domestiċi benefiċjarji mhux tal-ESSN ġiet ipprovduta wkoll permezz ta' operazzjoni mal-pajjiż kollu implimentata mill-UNHCR flimkien mad-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM), b'kontribuzzjoni ta' EUR 16,7 miljun minn finanzjament umanitarju barra mill-Faċilità. Fl-ambitu tal-Fond Fiduċjarju tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi tas-Sirja, l-assistenza tal-COVID-19 iffokat fuq l-akkwist ta' tagħmir protettiv personali, it-tagħlim online u mill-bogħod, il-kollokamenti tax-xogħol u l-appoġġ psikosoċjali.

2. Il-funzjonament tal-Faċilità

Il-Faċilità hija mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jippermetti l-mobilizzazzjoni rapida, effettiva u effiċjenti ta' għajnuna tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija. Il-Faċilità tiżgura l-aħjar mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti fl-UE, bħala assistenza umanitarja u/jew bħala assistenza għall-iżvilupp, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti b'mod komprensiv u kkoordinat[14].

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità jipprovdi gwida strateġika dwar il-prijoritajiet, it-tip ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, l-ammonti li għandhom jiġu allokati u l-istrumenti ta' finanzjament li għandhom jiġu mmobilizzati - u, fejn ikun xieraq, dwar il-kundizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-impenji tat-Turkija skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt UE-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015 (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan ta' Azzjoni Konġunt")[15]. Fl-2021, is-sitt sena ta' implimentazzjoni tal-Faċilità, saru żewġ laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija, fit-30 ta' Ġunju 2021 u fis-17 ta' Diċembru 2021. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, dawn il-laqgħat saru b'mod virtwali.

Il-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità huma l-ħeffa, l-effiċjenza u l-effettività, filwaqt li jiġi żgurat li ssir ġestjoni finanzjarja soda. Is-sostenibbiltà tal-interventi tal-Faċilità u s-sjieda konġunta mill-awtoritajiet Torok huma importanti wkoll. L-identifikazzjoni tal-oqsma prijoritarji għall-għajnuna kienet ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva u indipendenti tal-ħtiġijiet[16], b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-gruppi vulnerabbli. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġiet aġġornata fl-2018[17].

Il-Faċilità tikkoordina l-finanzjament mill-istrumenti ta' finanzjament esterni li ġejjin[18]: l-għajnuna umanitarja[19], l-Istrument Ewropew ta' Viċinat[20], l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp[21], l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni[22] u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi[23]. Il-miżuri ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni huma implimentati f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti finanzjarji tagħha applikabbli kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll għall-ġestjoni indiretta.

L-implimentazzjoni tal-assistenza tiddependi fuq konformità stretta tat-Turkija mal-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt u tad-Dikjarazzjoni.

---

[14] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24.11.2015, l-Artikolu 2 - L-Għanijiet tal-Faċilità.

[15] Ara l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855.

[16] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/2016_needs_assessment_.pdf

[17] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/updated_needs_assessment.pdf

[18] Il-kontribuzzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) ġew ittrasferiti rispettivament lejn l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Fiduċjarju tal-UE u implimentati taħthom. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Faċilità għall-EUTF (mill-IPA u sa ċertu punt anqas mid-DCI) ġew implimentati bħala assistenza mhux umanitarja.

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 rigward l-għajnuna umanitarja, ĠU L163, 2.7.1996, p. 1.

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.I

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11.

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1.

3. Il-kapaċità finanzjarja, it-tul ta' żmien u n-natura tal-finanzjament

Il-baġit totali kkoordinat mill-Faċilità huwa ta' EUR 6 biljun, u huwa mmobilizzat f'żewġ segmenti. Il-proġetti taħt l-ewwel segment u taħt it-tieni segment jibqgħu għaddejjin sa mhux aktar tard minn nofs l-2025 (b'ħafna proġetti tal-ewwel segment diġà kkompletati u l-biċċa l-kbira tal-proġetti jkunu qed jiffinalizzaw qabel).

B'mod eċċezzjonali, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-proġetti taħt il-Miżura Speċjali ta' EUR 1,6 biljun tal-2016 ġie estiż iżjed sa Ġunju 2025, li jippermetti li l-proġetti kollha kkonċernati jilħqu l-objettivi ddikjarati tagħhom.

L-ewwel segment ammonta għal EUR 3 biljun, li EUR 1 biljun minnhom ġie mmobilizzat mill-baġit tal-UE u EUR 2 biljun f'kontribuzzjonijiet bilaterali mill-Istati Membri[24]. Bl-istess mod, it-tieni segment ammonta għal EUR 3 biljun, li minnhom il-baġit tal-UE pprovda EUR 2 biljun u l-Istati Membri EUR 1 biljun[25].

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tal-baġit tal-UE, mill-EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE għall-2016-2017, EUR 250 miljun ġew immobilizzati fl-2016 u EUR 750 miljun fl-2017. Miż-EUR 2 biljun mill-baġit tal-UE għall-2018-2019, EUR 550 miljun ġew immobilizzati fl-2018, bil-bilanċ immobilizzat fl-2019.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, għall-ewwel segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 677 miljun għall-Faċilità fl-2016, EUR 847 miljun fl-2017, EUR 396 miljun fl-2018 u EUR 80 miljun fl-2019. Għat-tieni segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 68 miljun fl-2018, EUR 202 miljun fl-2019, EUR 265 miljun fl-2020 u EUR 166 miljun fl-2021, bil-pagamenti li jifdal ippjanati sal-2023. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jsiru direttament lill-Baġit tal-UE fil-forma ta' dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(2)(a)(ii) tar-Regolament Finanzjarju u jiġu assenjati lil-linji baġitarji tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u tal-Għajnuna Umanitarja.

Ikompli jkun hemm qbil sodisfaċenti bejn ir-rata tal-ħlas mill-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom *lill*-Faċilità u r-rata tal-iżburżar iffinanzjat minn dawk il-kontribuzzjonijiet *mill*-Faċilità.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, l-ammont ta' EUR 19,50 miljun ġie allokat bħala kapaċità ta' riżerva għall-finanzjament possibbli tar-reazzjonijiet għall-influss ta' refuġjati ġodda mis-Sirja fl-2019. Peress li r-riżerva ma ntużatx fl-2019, dan l-ammont ġie kkuntrattat fl-2020 biex ikopri l-azzjonijiet tas-saħħa u l-protezzjoni, u b'hekk tlesta l-eżerċizzju ta' programmazzjoni għat-tieni segment.

Mill-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni kkuntrattat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità; Minn total ta' EUR 6 biljun, ġew żborżati aktar minn EUR 4.6 biljun.

[24] Id-distribuzzjoni totali tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri hija disponibbli fuq http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/02/03/refugee-facility-for-turkey/.

[25] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/06/29/facility-for-refugees-in-turkey-member-states-agree-details-of-additional-funding/

Assistenza addizzjonali tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija, barra mill-qafas tal-Faċilità

Fl-2020, il-Kummissjoni allokat EUR 535 miljun biex tappoġġa azzjonijiet umanitarji fit-Turkija barra mill-qafas tal-Faċilità. Dan l-ammont inkluda EUR 50 miljun biex tikompla l-assistenza fl-oqsma tal-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni, u EUR 485 miljun taħt Baġit Emendatorju biex jitkomplew ix-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza u l-programmi ta' Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni. Barra minn hekk, fl-2020, taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), ġie adottat programm b'valur ta' EUR 11-il miljun fi sħubija mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) biex jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-migranti bi status legali differenti f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tat-Turkija dwar l-Armonizzazzjoni u l-approċċi tal-UE.


B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza EUR 3 biljun oħra għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija għall-perjodu 2021–2023. L-ewwel EUR 860 miljun ta' dan il-finanzjament ġie impenjat lejn l-aħħar tal-2021 biex ikompli l-appoġġ fl-oqsma ta' prijorità tal-ħtiġijiet bażiċi u l-edukazzjoni, u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri. EUR 90 miljun taħt l-allokazzjoni tal-2021 taħt l-IPA, u EUR 50 miljun taħt l-allokazzjoni tal-istrumenti HOME tal-2021, ġew riportati għall-2022. Barra minn hekk, ġew allokati EUR 125 miljun f'appoġġ umanitarju għall-2022. Il-bilanċ ta' madwar EUR 2 biljun għandu jiġi pprogrammat fl-2022 u l-2023.

L-assistenza totali tal-UE allokata lir-refuġjati fit-Turkija mill-2011 tammonta għal kważi EUR 10 biljun. Dan jinkludi EUR 6 biljun taħt il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, li tikkonsisti f'EUR 3 biljun mill-baġit tal-UE, u EUR 3 biljun f'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, integrati fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern.

4. Implimentazzjoni tal-Faċilità

Il-Faċilità hija implimentata bħala assistenza umanitarja u għall-iżvilupp. Taħt l-ewwel segment, ġew allokati madwar EUR 1,4 biljun u EUR 1,6 biljun għall-fergħat rispettivi. Minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi taħt it-tieni segment jiffokaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet tal-għajxien. Taħt it-tieni segment, ġew allokati EUR 1,04 biljun għall-assistenza umanitarja, u EUR 1,9 biljun għall-assistenza għall-iżvilupp[26].

Għall-Faċilità b'mod kumplessiv, id-diżaggregazzjoni tal-assistenza umanitarja u għall-iżvilupp hija kif ġej:



Id-dettalji sħaħ jistgħu jinkisbu mit-tabella tal-proġetti online[27].

L-ipprogrammar tal-Faċilità tlesta f'Diċembru 2019, u fl-aħħar tal-2020, il-pakkett operazzjonali sħiħ ta' EUR 6 biljun kien ġie kkuntrattat, li minnhom EUR 4,6 biljun kienu ġew żborżati sal-aħħar tal-2021.

Ta' min jinnota li l-assistenza pprovduta fil-qafas tal-Faċilità hija bbażata fuq il-proġetti. L-iżborżi jiddependu ħafna mill-progress fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-Faċilità.

Tingħata attenzjoni partikolari lir-refuġjati mhux Sirjani u lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil. L-interventi tal-faċilità dejjem għandhom l-għan li jinvolvu lill-komunitajiet lokali li qed jospitaw lir-refuġjati.

L-**assistenza umanitarja** tappoġġa lill-aktar refuġjati vulnerabbli permezz tal-provvista ta' appoġġ dinjituż li jindirizza l-ħtiġijiet bażiċi u l-protezzjoni. Hija tindirizza wkoll id-diskrepanzi fl-għoti ta' servizz permezz ta' aġenziji speċjalizzati u ta' sħab fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-għajnuna umanitarja tal-UE hija ggwidata mill-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007[28], li jistipula li l-UE, bħala attur umanitarju, taderixxi mal-prinċipji umanitarji tal-umanità, tan-newtralità, tal-imparzjalità u tal-indipendenza, kif stabbiliti fl-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja (Nru. 1257/96) (Nru. 1257/96)[29,30].

[26] Il-bilanċ ta' EUR 60 miljun huwa allokat għall-appoġġ amministrattiv u operazzjonali biex tiġi implimentata l-Faċilità.
[27] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/system/files/2022-02/Facility%20table_January%202022.pdf
[28] Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.
[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja
[30] L-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) annwali speċifiċi għall-pajjiżi. Il-qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sħab tagħha fil-

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, b'kollox ġew implimentati 65 proġett permezz ta' 21 sieħeb kemm taħt l-ewwel kif ukoll taħt it-tieni segment. Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jkopru r-rispons għall-ħtiġijiet bażiċi, il-protezzjoni, l-edukazzjoni, u s-saħħa għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli fit-Turkija. Taħt l-ewwel segment ġew allokati u kkuntrattati madwar EUR 1,4 biljun f'assistenza umanitarja u ġew żborżati EUR 1,3 biljun, filwaqt li għat-tieni segment ġew ikkuntrattati EUR 1,04 biljun u sal-31 ta' Jannar 2021 ġew żborżati EUR 964 miljun.

L-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa l-ħtiġijiet aktar fit-tul fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp soċjoekonomiku tar-refuġjati, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi u għall-opportunitajiet ta' għajxien, u tal-infrastruttura muniċipali. Din tiffoka wkoll fuq gruppi vulnerabbli u tinkludi dimensjoni tal-ġeneri fl-interventi tagħha, eż. il-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u fuq it-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità, l-implimentazzjoni ta' 26 proġett ikkuntrattati taħt l-ewwel segment qed tkompli turi progress tajjeb. Minn dawn il-proġetti, 15 huma implimentati taħt il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF) għal total ta' EUR 293 miljun, minbarra l-allokazzjoni ġestita direttament permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[31].

L-iżborżi lis-sħab ta' implimentazzjoni laħqu l-EUR 2,22 biljun minn total ta' EUR 3,5 biljun allokati għall-assistenza għall-iżvilupp taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità[32]. Taħt it-tieni segment, l-EUR 1,9 biljun allokati ġew ikkuntrattati bis-sħiħ f'Diċembru 2020, li minnhom EUR 730-il miljun ġew żborżati sal-aħħar ta' Diċembru 2021. Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità kien hemm 17-il kuntratt.

Interventi tal-faċilità għal kull qasam prijoritarju

Il-progress għal kull qasam ta' prijorità fl-implimentazzjoni tal-assistenza ffinanzjata taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità huwa rrappurtat fir-Rapporti ta' Monitoraġġ tal-Faċilità biannwali[33]:

L-Edukazzjoni

Il-Faċilità allokat aktar minn EUR 1,5 biljun għall-qasam prijoritarju tal-edukazzjoni, inklużi EUR 545 miljun[34] għall-infrastruttura edukattiva.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, ġew allokati aktar minn EUR 181 miljun għall-edukazzjoni. Il-programm ta' Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE) għadu qed jiġi implimentat b'suċċess, u jappoġġa r-reġistrazzjoni fl-iskejjel u l-attendenza ta'

---

qasam tal-għajnuna umanitarja huwa stabbilit bil-Ftehimiet Qafas Finanzjarji u Amministrattivi tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u bil-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

[31] Il-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni taħt il-Faċilità huma ġestiti f'konformità mar-regoli għall-azzjoni esterna stipulati fit-Titolu IV tat-tieni parti tar-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu.

[32] Din iċ-ċifra tinkludi wkoll l-iżborżi taħt proġetti implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, iżda li għadhom ma ġewx iddebitati lill-baġit tal-UE.

[33] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/enlargement-policy/negotiations-status/turkey/eu-facility-refugees-turkey_en

[34] Dan jinkludi proġett ta' enerġija nadifa ta' EUR 40 miljun taħt l-EUTF (FRIT 1).

tfal refuġjati permezz tal-provvista ta' pagamenti darbtejn kull xahar lill-familji refuġjati, bil-kundizzjoni li l-istudenti jattendu l-iskola b'mod regolari. Il-programm tas-CCTE bħalissa huwa ffinanzjat sa Awwissu tal-2022, wara ż-żieda ta' EUR 85 miljun ipprovduta taħt il-Baġit Emendatorju miftiehem mill-awtorità baġitarja tal-UE f'Lulju 2020. Sa Diċembru 2021, 760,858 tifel u tifla kienu bbenefikaw minn mill-inqas pagament wieħed mis-CCTE. Barra minn hekk, it-tfal ibbenefikaw minn servizzi ta' protezzjoni tat-tfal biex jiżguraw reġistrazzjoni u attendenza skolastika kontinwa, 11,567 tifel u tifla pparteċipaw f'attivitajiet ta' ħiliet soċjoemozzjonali u ta' koeżjoni soċjali, filwaqt li 351 membru tal-persunal tal-iskola u 849 ġenitur kienu involuti f'taħriġ kontra l-bullying mill-UNICEF.

Fir-rigward tal-assistenza għall-iżvilupp tal-Faċilità, kompliet l-implimentazzjoni ta' għotja diretta ta' segwitu (magħrufa bħala PIKTES[35]) lill-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali (MoNE) ta' EUR 400 miljun. PIKTES tappoġġa l-isforzi tal-Ministeru biex jiżdiedu l-integrazzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja għat-tfal Sirjani. Sal-aħħar ta' Ġunju 2021, ftit aktar minn 701,000 tifel u tifla Sirjani kienu rreġistrati fl-edukazzjoni formali. Minn dawn, aktar minn 30,000 kienu f'livell preprimarju, aktar minn 322,000 kienu fil-primarja, 251,323 fis-sekondarja inferjuri, u 96,361 fil-livell sekondarju għoli. Sa nofs l-2021, 46,766 tifel u tifla refuġjati kienu rċevew taħriġ ta' rkupru u 60,472 tifel u tifla refuġjati rċevew taħriġ ta' appoġġ bl-appoġġ tal-Faċilità. F'termini ta' appoġġ għall-kapaċità għat-tagħlim tas-sistema edukattiva, kważi 7,000 għalliem u membru tal-persunal ta' appoġġ kienu impjegati jew remunerati permezz ta' PIKTES bejn Jannar u Ġunju 2021. Matul l-ewwel nofs tal-2021 PIKTES ħarrġet 3,500 għalliem fit-tagħlim online u fit-tħejjija ta' materjali tal-edukazzjoni diġitali.

L-għadd ta' studenti refuġjati u tal-komunità ospitanti li rċevew boroż ta' studju appoġġati mill-Faċilità biex jattendu Edukazzjoni u Taħriġ Tekniku u Vokazzjonali (TVET) jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja żdied b' 3,700 għal kważi 13,300. Il-maġġoranza ta' dawn l-istudenti kienu refuġjati. Inżamm il-bilanċ bejn is-sessi. Il-biċċa l-kbira tal-boroż ta' studju (madwar 12,000) ippermettew lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji jattendu korsijiet tekniċi u vokazzjonali fi Skejjel Għolja Tekniċi u Vokazzjonali u Ċentri tal-Edukazzjoni Vokazzjonali (VECs).

Il-Faċilità kompliet tappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura edukattiva u tnaqqas l-iffullar fl-iskejjel. Kien hemm progress sinifikanti fl-għadd ta' faċilitajiet edukattivi mtejba u kkompletati. Kisba kbira fit-titjib kienet l-installazzjoni ta' 8,700 smartboard fl-iskejjel primarji u sekondarji. Sal-lum, aktar minn 12,000 faċilità ġew aġġornati bl-appoġġ tal-Faċilità. Barra minn hekk, inbnew total ta' 117-il skola u l-għoti ta' servizzi edukattivi nbeda f'108 skola. Proġett ta' enerġija nadifa ta' EUR 40 miljun taħt l-ewwel segment jimmira li jwassal l-enerġija permezz ta' żewġ farms solari u ta' pannelli fuq il-bjut lil 120 skola. Tlestiet l-installazzjoni tas-saqaf għal tliet skejjel u sar progress medju ta' 90 % fi 48 skola oħra. Barra minn hekk, bdew xogħlijiet ta' riabilitazzjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika ta' 41 skola oħra u sa tmiem is-sena ġie rreġistrat progress ta' 70 %.

Il-Protezzjoni

Total ta' madwar EUR 212-il miljun ġie allokat għall-protezzjoni fl-ambitu tal-Faċilità,

[35] Il-Promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva (PIKTES)

prinċipalment permezz ta' proġetti taħt il-fergħa umanitarja.

Il-fergħa umanitarja tal-Faċilità appoġġat ir-reġistrazzjoni u l-verifika tar-refuġjati sabiex jiġi regolarizzat l-istatus tagħhom fit-Turkija u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-servizzi. Minbarra l-interventi ta' protezzjoni indipendenti mmirati biex jeliminaw id-diskrepanzi u jirrispondu għal ħtiġijiet speċifiċi u ta' individwi f'riskju, il-protezzjoni ġiet integrata wkoll fil-pilastri l-oħrajn tal-istrateġija ta' rispons umanitarju (ħtiġijiet bażiċi, saħħa u edukazzjoni). L-għan ġenerali huwa li jiġu indirizzati aħjar il-vulnerabbiltajiet tar-refuġjati, li jiġi regolarizzat l-istatus tagħhom u li dawn jingħaqdu ma' network usa' ta' servizzi pubbliċi u tan-NU/NGOs. Barra minn hekk, il-proġetti ffinanzjati permezz tal-Fond Fiduċjarju tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana kienu jinkludu assistenza għall-akkoljenza ta' refuġjati f'ċentri komunitarji u aktar referenzi għal refuġjati vulnerabbli għal servizzi adegwati.

Skont il-fergħa tal-iżvilupp tal-Miżura Speċjali ta' Lulju 2019, fl-aħħar tal-2020 ġiet ikkuntrattata għotja diretta lill-Ministeru tal-Familja, tax-Xogħol u tas-Servizzi Soċjali għal ammont ta' EUR 20 miljun. Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-forniment ta' servizzi soċjali preventivi u protettivi lir-refuġjati l-aktar vulnerabbli u lill-membri tal-komunità ospitanti.

Is-Saħħa

Taħt il-Faċilità ġew allokati EUR 800 miljun għall-qasam prijoritarju tas-saħħa.

Il-pilastru ewlieni tal-appoġġ tal-Faċilità huwa l-proġett SIHHAT, għotja diretta mal-Ministeru Tork tas-Saħħa (MoH), f'żewġ pagamenti parzjali ta' EUR 300 miljun u EUR 210 miljun rispettivament. SIHHAT jappoġġa lill-Ministeru fl-isforzi tiegħu biex jipprovdi aċċess mingħajr ħlas u ekwu għall-kura tas-saħħa lil 4 miljun refuġjat. L-għadd ta' Ċentri tas-Saħħa tal-Migranti (MHCs) laħaq 180 u 4,091 ħaddiem tal-kura tas-saħħa bħalissa jinsabu fuq il-pagi tal-proġett, b'79% minnhom ta' oriġini Sirjana. Il-pass tal-implimentazzjoni tal-proġett jibqa' wieħed sodisfaċenti b'riżultati tanġibbli miksuba fil-prattika. Ir-riżerva ta' kontinġenza ta' SIHHAT 1 ta' EUR 4,75 miljun biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet relatati mal-COVID-19 ġiet rilaxxata f'April 2020, u EUR 1,6 miljun oħra ġew allokati biex jirrimedjaw għall-COVID-19 taħt SIHHAT 2.

Il-proġett ta' segwitu SIHHAT 2 (EUR 210 miljun) għadu għaddej mal-MoH mill-bidu tal-2021 biex tiġi żgurata s-sinkronizzazzjoni mat-tmiem ta' SIHHAT 1 u t-tkomplija tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tar-refuġjati sal-aħħar tal-2023.

Proġetti ta' kostruzzjoni ta' sptarijiet f'Dortyol/Hatay u Kilis waslu biex jitlestew, bi progress ta' aktar minn 95 %. Barra minn hekk, f'Marzu 2021 beda kuntratt ta' EUR 90 miljun għall-akkwist ta' infrastruttura u tagħmir komplementari tas-saħħa fuq skala żgħira taħt proġett mal-Bank għall-Iżvilupp (CEB) tal-Kunsill tal-Ewropa.

Għad hemm tħassib fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa tar-refuġjati barra l-provinċja oriġinali tar-reġistrazzjoni tagħhom jew dawk li jispostaw ruħhom, li huwa limitat għas-servizzi ta' tilqim u ta' emerġenza. Dan jaffettwa b'mod negattiv lir-refuġjati li jispostaw ruħhom, lill-ħaddiema staġunali u lir-refuġjati li ġew risistemati fi provinċji oħra. Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib it-tibdliet fil-politika u għandha l-għan li tilħaq il-popolazzjoni tar-refuġjati affettwata permezz ta' attivitajiet tal-kura tas-saħħa mobbli taħt il-proġett ta' SIHHAT.

Infrastruttura muniċipali

EUR 380 miljun ġew allokati għal dan il-qasam prijoritarju taħt it-tieni segment tal-Faċilità.

Il-proġetti mal-Agence Française de Développement (AFD), il-Bank Dinji, u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Illbank taħt l-EUTF għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għas-servizzi muniċipali u l-kwalità tagħhom fl-oqsma tal-provvista tal-ilma, l-ilma mormi u l-ġestjoni tal-iskart solidu f'żoni l-aktar affettwati mill-influss ta' refuġjati. Barra minn hekk, proġett ta' EUR 25 miljun ma' Kreditanstalt für Wiederaufbau (KfW) jipprovdi infrastruttura rikreattiva b'appoġġ għall-koeżjoni soċjali. Il-kostruzzjoni ta' faċilità waħda għat-trattament tal-iskart bijoloġiku mekkaniku f'Gaziantep taħt proġett EUTF li ġie implimentat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNPD) spiċċat f'Ottubru 2021. Skont il-ftehim ta' delega ffirmat mal-BEI, ġew iffirmati u mnedija 15-il kuntratt ta' xogħlijiet matul l-2021 għal total ta' EUR 42,4 miljun. Il-proġetti l-oħra kollha għadhom fil-livell ta' tħejjija (rieżami tad-disinn, tħejjija tad-dossiers tal-offerti, eċċ.)

Ħtiġijiet bażiċi u appoġġ soċjoekonomiku

Aktar minn EUR 2,83 biljun ġew allokati għall-ħtiġijiet bażiċi u għall-appoġġ soċjoekonomiku taħt il-Faċilità.

L-interventi f'dan il-qasam prijoritarju għandhom l-għan li jiżguraw li l-ħtiġijiet bażiċi tal-aktar refuġjati vulnerabbli jiġu ssodisfati, u li r-reżiljenza u l-awtodipendenza tar-refuġjati jissaħħu. Dan għandu jippermetti tranżizzjoni gradwali mid-dipendenza fuq l-assistenza soċjali għal aktar opportunitajiet ta' awtodipendenza u ta' għajxien.

Skont l-assistenza għall-ħtiġijiet bażiċi tal-Faċilità, aktar minn 2,6 miljun refuġjat irċevew appoġġ li jippermettilhom jgħixu b'dinjità. Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ huwa pprovdut permezz tax-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN) mill-aħħar ta' 2016, programm ta' assistenza soċjali umanitarja li jwassal flus kontanti ta' kull xahar permezz ta' sistema ta' karti ta' debitu, issa għal aktar minn 1,5 miljun benefiċjarju vulnerabbli tar-refuġjati[36]. EUR 500 miljun f'finanzjament mill-Faċilità ġew allokati għal dan il-programm emblematiku taħt it-tieni segment tal-Faċilità u bħalissa qed jiġi implimentat mill-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar/in-Nofs Qamar l-Aħmar (minn April 2020). B'żieda ta' EUR 400 miljun barra mill-Faċilità approvata mill-awtorità baġitarja f'Lulju 2020 bħala parti mill-Baġit Emendatorju msemmi qabel u b'finanzjament addizzjonali ta' EUR 325 miljun impenjat lejn l-aħħar tal-2021 taħt il-pakkett addizzjonali ta' EUR 3 biljun għall-2021-23, il-kontinwazzjoni tal-appoġġ tal-ESSN hija żgurata sal-ewwel kwart tal-2023[37].

Taħt it-tieni segment, il-Kummissjoni ffirmat għotja diretta ta' EUR 245 miljun mal-Ministeru tal-Familja u s-Servizzi Soċjali biex tippermetti l-għoti ta' appoġġ finanzjarju ta' kull xahar komparabbli mal-assistenza soċjali pprovduta lil individwi vulnerabbli taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Torka, jiġifieri l-ESSN Kumplimentari. (C-ESSN). Wara fażi preparatorja, il-pagamenti lill-benefiċjarji bdew f'Lulju 2021 u se jkomplu mill-inqas sa nofs

[36] Minn Lulju 2021, l-ESSN irreferiet l-aktar benefiċjarji vulnerabbli (jiġifieri ġenituri waħedhom, Unitajiet domestiċi b'persuna waħda jew aktar b'diżabilità, unitajiet domestiċi mmexxija mill-anzjani) għall-programm Kumplimentari ESSN (C-ESSN) iffinanzjat mid-DĠ NEAR. F'April 2022, is-C-ESSN għenet 363,419 benefiċjarju

[37] https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20200706IPR82727/meps-approve-EU585-million-to-support-syrian-refugees-in-neighbouring-countries

l-2022. Il-proġett jitmexxa b'mod parallel mal-ESSN u jipprovdi appoġġ lill-unitajiet domestiċi b'ġenituri waħedhom, lill-anzjani, u lill-individwi b'diżabilità u dawk b'diżabilità serja. Id-Delegazzjoni tal-UE u l-persunal tal-uffiċċju fuq il-post tal-ECHO qed jaħmlu laqgħat regolari sabiex jikkoordinaw l-implimentazzjoni parallela tal-ESSN u s-C-ESSN.

Għadu jingħata appoġġ soċjoekonomiku addizzjonali lir-refuġjati bi profil li jippermettilhom jaċċessaw is-suq tax-xogħol. Dan l-appoġġ għandu l-għan li jżid l-impjegabbiltà tar-refuġjati u jipprevedi taħriġ vokazzjonali u ta' ħiliet, taħriġ fil-lingwa, konsulenza dwar l-impjiegi, programmi ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol u s-simplifikazzjoni tal-proċess tal-permessi tax-xogħol biex jiġu appoġġati kemm ir-refuġjati Sirjani kif ukoll il-komunitajiet ospitanti. Qed jiġu pprovduti għotjiet żgħar għall-imprendituri u għat-taħriġ intraprenditorjali lin-negozji ġodda kemm tar-refuġjati Sirjani kif ukoll tal-komunitajiet ospitanti u lill-imprendituri eżistenti f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Industrija Żgħira u ta' Daqs Medju tat-Turkija (KOSGEB) u l-Bank Tork għall-Iżvilupp u l-Investiment (TKYB). Proġett ieħor implimentat attwalment mill-Bank Dinji jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' intraprenditorija soċjali mmexxi min-nisa sabiex jipprovdi attività sostenibbli li tiġġenera l-introjtu kemm għal refuġjati Sirjani vulnerabbli kif ukoll għal nisa Torok. Żewġ proġetti oħra għandhom l-għan li jappoġġaw l-impjiegi fl-agrikoltura. Il-proġetti għandhom jibqgħu għaddejjin sa mhux aktar tard minn nofs l-2025.

Il-ġestjoni tal-migrazzjoni

Il-Faċilità ffinanzjat żewġ proġetti f'dan il-qasam prijoritarju taħt l-ewwel segment għal total ta' EUR 80 miljun.

L-ewwel proġett ta appoġġ mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Gwardja tal-Kosta Torka sabiex twettaq operazzjonijiet ta' tfittxija u ta' salvataġġ. It-tieni proġett kellu l-għan li jappoġġa lid-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM) fil-ġestjoni tiegħu tar-ritorni mill-UE. Iż-żewġ proġetti tlestew.

Aspetti relatati mal-ġeneru fi ħdan il-proġetti taħt il-Faċilità

Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III "Flimkien lejn dinja b'ugwaljanza bejn is-sessi 2021-2025"[38] dwar it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għall-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet huma prijoritajiet u objettivi globali tal-UE, li jiggwidaw l-interventi tal-Faċilità.

B'mod aktar speċifiku, il-fergħa umanitarja tal-Faċilità hija regolata mill-politika tad-DĠ ECHO tal-2013 dwar il-ġeneri "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Għajnuna Umanitarja: ħtiġijiet differenti, rispons adattat". Dan jimplika appelli lis-sħab sabiex iwettqu analiżi skont il-ġeneru fil-bidu ta' programm, sabiex jadattaw id-disinn u l-implimentazzjoni tal-programm skont ir-riskji u l-opportunitajiet differenzjali li jaffaċċjaw il-gruppi ta' ġeneri, u jirrapportaw dwar riżultati b'*data* diżaggregata skont il-ġeneru.

B'riżultat ta' dan, il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri jiġu kkunsidrati għall-proġetti kollha tal-Faċilità u jiġu integrati. Għall-fergħa umanitarja, ġie implimentat Indikatur tal-Ġeneru u l-Età

[38] https://ec.europa.eu/international-partnerships/system/files/join-2020-17-final_mt.pdf

(GAM). L-interventi tal-Faċilità huma mfassla sabiex jippromovu l-provvista ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa, għas-subien u għall-bniet. Għal finijiet ta' monitoraġġ, tingħabar *data* diżaggregata skont il-ġeneri. Il-Qafas tar-Riżultati Rivedut, imniedi fl-2020, ikompli jiddisaggrega d-*data* mill-indikaturi rilevanti kollha (76 indikatur) skont il-ġeneru kif irrapportat darbtejn fis-sena fir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-Faċilità. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija kkombinata ma' azzjonijiet iddedikati li ġew żviluppati sabiex jiġi żgurat il-progress f'dan il-qasam. Il-Faċilità taħdem ma' sħab ta' implimentazzjoni li għandhom esperjenza soda f'dan l-approċċ u li għandhom il-kapaċità li jidħlu fi djalogu mal-awtoritajiet Torok. Dawn jinkludu l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), il-UN Women, il-UNFPA, u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Bħala kontribut speċifiku għad-Drittijiet tas-Saħħa Sesswali u Riproduttivi, il-Faċilità qabżet il-mira tagħha rigward il-konsultazzjoni tal-Kura Antenatali (ANC). Total ta' 97 % tan-nisa refuġjati rċevew konsultazzjoni waħda jew aktar tal-ANC, bil-maġġoranza tirċievi tliet konsultazzjonijiet jew aktar mill-ANC. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' nisa wara l-ħlas li rċevew mill-inqas konsultazzjoni waħda dwar il-Kura Postnatali (PNC) ilu jiżdied b'50 % mill-2018 bis-saħħa tal-appoġġ tal-Faċilità, filwaqt li l-proporzjon ta' rifuġjati nisa fl-età riproduttiva li esprimew ħtieġa mhux issodisfata għal servizzi tas-saħħa riproduttiva naqas b'18 %. Is-servizzi tas-saħħa lir-refuġjati huma pprovduti permezz tal-proġett SIHHAT, li jopera madwar 180 Ċentru tas-Saħħa tal-Migranti madwar it-Turkija.

5. Monitoraġġ u evalwazzjoni

Is-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Faċilità tfasslet sabiex tiġi implimentata gradwalment u sabiex tiġi mtejba kontinwament.

Monitoraġġ

Il-qafas tar-Riżultati tal-Faċilità jirrifletti l-qafas strateġiku tal-Faċilità nnifisha, kif ukoll l-azzjonijiet implimentati taħt il-kappa tal-Faċilità u l-oqfsa loġiċi tagħhom. L-aħħar Qafas tar-Riżultati u t-Teorija tal-Bidla tal-Faċilità ġew kondiviżi mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità f'Diċembru 2021. Ir-rapportar dwar il-kisbiet tal-Faċilità kompla fuq bażi biannwali permezz tar-Rapport ta' Monitoraġġ tal-Faċilità komprensiv. L-aħħar rapport li jkopri l-perjodu sa Ġunju 2021 jista' jiġi aċċessat fuq is-sit web tad-DĠ NEAR[39].

Fl-implimentazzjoni tal-kompiti ta' monitoraġġ u rappurtar tal-Faċilità, il-Kummissjoni tkompli tiġi appoġġata minn tim ta' assistenza teknika (SUMAF[40]).

Sal-aħħar ta' Diċembru 2021, tlestew 193 missjoni ta' monitoraġġ: twettqu sitt missjonijiet ta' monitoraġġ orjentati lejn ir-riżultati (MOR), 72 missjoni ta' assistenza teknika, u 115-il verifika/missjoni ta' monitoraġġ fuq il-post; 65 % ta' dawn il-missjonijiet iffukaw fuq kuntratti taħt ġestjoni diretta.[41]

Il-monitoraġġ tal-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) twettaq mill-persunal fuq il-post tad-DĠ ECHO fit-Turkija u mill-uffiċċju reġjonali

[39] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/enlargement-policy/negotiations-status/turkey/eu-facility-refugees-turkey_en

[40] Assistenza Teknika għall-Appoġġ tal-monitoraġġ ta' Azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija - IPA/2018/393-877

[41] Ċifri kumulattivi, mill-2017.

tad-DĠ ECHO f'Amman kif ukoll permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ mill-persunal tal-Kwartieri Ġenerali. Sal-aħħar ta' Frar 2021, tlestew 90 missjoni ta' monitoraġġ.

L-Evalwazzjoni

Evalwazzjoni Strateġika ta' Nofs it-Terminu

L-evalwazzjoni strateġika ta' nofs it-terminu tal-Faċilità kopriet il-perjodu ta' konċepiment, disinn u implimentazzjoni tal-ewwel segment, mill-bidu tagħha lejn l-aħħar tal-2015 sal-bidu tal-2021 meta ġiet iffinalizzata l-evalwazzjoni. Il-valutazzjoni ġenerali tal-evalwazzjoni ddikjarat li l-Faċilità kienet bla preċedent fl-iskala u fl-ilħuq, u ġiet mobilizzata malajr, u fil-biċċa l-kbira tissodisfa l-ħtiġijiet tar-refuġjati. Dan ta kontribut kbir għall-ħtiġijiet bażiċi tar-refuġjati, u ppermetta żieda aktar mgħaġġla min-naħa tal-gvern tas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni milli kieku kien ikun il-każ. L-evalwazzjoni sabet li l-Faċilità ssieħbet sew mas-sħab tal-gvern tagħha, minkejja modalitajiet xi kultant diffiċli, u li tista' titqies bħala mudell għall-operazzjonijiet tar-refuġjati li juru appoġġ prattiku u solidarjetà mar-refuġjati fit-Turkija. L-evalwazzjoni sabet li filwaqt li t-tranżizzjoni mill-emerġenza għall-iżvilupp kienet fil-biċċa l-kbira bla xkiel, l-inċertezza dwar il-finanzjament futur ikkompromettiet il-kapaċità ta' ppjanar effettiv. Ir-rapport jikkonkludi li jeħtieġ li jsir aktar biex jintlaħqu xi rifuġjati li huma l-inqas probabbli li jaċċessaw l-assistenza u jirrakkomanda aktar aċċess għal servizzi għal refuġjati li mhumiex moqdijin tajjeb u miżuri biex jittaffew it-tensjonijiet soċjali għar-refuġjati. Ir-rapport jinkludi wkoll sommarju eżekuttiv konċiż u taqsima dwar ir-rispons tal-Faċilità għall-COVID-19. Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kumitat ta' Tmexxija ta' Ġunju 2021 u lill-pubbliku ġenerali f'avveniment fil-bidu ta' Lulju. Id-dettalji tal-evalwazzjoni jistgħu jiġu aċċessati fil-link ta' hawn taħt:

https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/strategic-mid-term-evaluation-facility-refugees-turkey-2016-201920_en

6. L-Awditu

Wara l-ħruġ tar-Rapport Speċjali dwar il-Faċilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)[42] f'Novembru 2018, il-Kummissjoni kompliet timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Sar progress tajjeb fir-rakkomandazzjonijiet kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' strateġija ta' tranżizzjoni, il-komplementarjetà tal-istrumenti mmobilizzati taħt il-Faċilità u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-appoġġ indirett.

7. Komunikazzjoni u viżibbiltà

L-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-2017 tibqa' l-qafas ġenerali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, bil-għan li tittejjeb il-viżibbiltà ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità.

Diversi episodji tat-televiżjoni bit-titlu "New Beginning" ġew imxandra fuq CNNTurk li fihom għaxar stejjer differenti ta' interess uman flimkien ma' proġetti taħt il-Faċilità. L-episodji tqiegħdu fuq il-kanal YouTube tad-Delegazzjoni tal-UE b'sottotitoli Ingliżi u huma disponibbli wkoll bħala playlist. Twettaq stħarriġ kwantitattiv biex tiġi vvalutata l-perċezzjoni

[42] https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR18_27/SR_TRF_MT.pdf

pubblika (inkluża dik tar-refuġjati) tal-appoġġ tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija. L-għajnuna umanitarja tal-UE taħt il-Faċilità, flimkien mal-organizzazzjonijiet sħab tagħha, ipproduċiet u xerrdet varjetà ta' prodotti ta' komunikazzjoni mmirati lejn udjenzi tal-UE u tat-Turkija, inklużi tmien filmati, tliet stqarrijiet għall-istampa lokali li ġġeneraw kopertura tal-media fit-Turkija, u storja ta' blog waħda.

Avvenimenti u ċerimonji

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tar-Refuġjati, is-segretarjat tal-Faċilità ospita festival tal-films online ta' ġimgħa, li kien fih films li jenfasizzaw il-ħajja tar-refuġjati. Dawn jitkellmu dwar diversi aspetti tal-ħajja tar-refuġjati; pereżempju, il-vjaġġi tagħhom li jistabbilixxu ruħhom f'postijiet ġodda u li qabel kienu ma jafuhomx, l-ostakli u l-intoppi tagħhom fil-bini ta' ħajja ġdida filwaqt li jżommu l-identità tagħhom f'pajjiż ġdid, kif ukoll l-esperjenzi tagħhom biex jibnu relazzjonijiet ġodda u jieħdu sfidi ġodda. Il-films kienu disponibbli għal streaming madwar il-Belġju mill-20 sas-26 ta' Ġunju 2021 u kienu jinkludu dokumentarji, produzzjonijiet ta' azzjoni diretta, inklużi entrati qosra, medji u ta' tul sħiħ[43]. B'mod parallel, id-Delegazzjoni tal-UE f'Ankara organizzat avveniment ta' mmappjar tal-filmati fit-Torri Galata f'Istanbul. Il-filmati ta' dan l-avveniment, kif ukoll il-promozzjoni tal-festival tal-films, dehru fuq il-kanali tal-midja soċjali tad-Delegazzjoni tal-UE u tan-NEAR.

Ġew organizzati avvenimenti u missjonijiet f'diversi bliet bil-Kap tad-Delegazzjoni, il-Viċi Kap tad-Delegazzjoni u l-Kap tal-Operazzjonijiet preżenti. Barra minn hekk, ġew prodotti avvenimenti, stejjer, filmati u pubblikazzjonijiet mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dawn kienu jinkludu ċerimonja ta' tħawwil ta' siġar fi skola mibnija b'fondi tal-UE, ċerimonja ta' trasferiment ta' ambulanzi lill-Ministeru tas-Saħħa, filmati prokurati mill-proġett SIHHAT, kif ukoll stejjer dwar proġetti tal-Faċilità mill-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB), *il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs Qamar l-Aħmar* (IFRC), il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), il-Bank Dinji, u sħab oħra. L-istejjer ġew ippubblikati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fuq il-kanali tal-midja soċjali tagħhom u ġew kondiviżi mid-Delegazzjoni tal-UE.

Preżenza tal-midja

Ġiet organizzata kampanja tal-midja soċjali għall-Konferenza dwar is-Sirja tal-2021, li fiha filmati li jiffukaw fuq is-setturi koperti mill-Faċilità, kif ukoll xandira diretta fuq Facebook u Twitter bl-Ingliż u bit-Tork. Ħames filmati li fihom ħames setturi taħt il-Faċilità ġew prodotti u kondiviżi fuq il-kontijiet tal-midja soċjali. Barra minn hekk, żewġ stejjer dwar is-servizzi tas-saħħa u l-kostruzzjoni tal-isptarijiet ġew ippubblikati fuq is-sit web tad-Delegazzjoni tal-UE.

F'Jannar 2022, ġiet implimentata kampanja diġitali fuq skala kbira #PowerToBe fit-Turkija u fil-Ġermanja, fl-Italja, fl-Iżvezja, fit-Turkija, fil-Portugall u fil-Polonja biex tiġi introdotta x-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN). Il-kampanja mxiet fuq il-midja soċjali, iżda inkludiet ukoll l-użu tal-influwenzaturi, tal-mikroinfluwenzaturi u tas-sħab tal-PR/tal-midja.

[43] https://unheardstories.eu/

8. Il-konklużjoni u l-passi li jmiss

Fl-2021 sar progress importanti fl-implimentazzjoni tal-Faċilità. Il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità ġie kkuntrattat u ġew żborżati aktar minn EUR 4,6 biljun. Il-Faċilità kompliet tipprovdi għajnuna tant meħtieġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija.

Il-passi li jmiss jinkludu:

- *It-tkomplija tal-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti kollha għall-benefiċċju tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda*
- *Segwitu u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu*
- *It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-Faċilità.*
- *L-organizzazzjoni tal-Kumitati ta' Tmexxija tal-Faċilità fir-rebbiegħa u fil-ħarifa tal-2022*
- *L-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' appoġġ addizzjonali għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kisbiet tal-Faċilità*